MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 188/2018/1 LM

**Joanna Azzopardi (K.I. nru. 254377M)**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Mapfre MSV Life p.l.c.**
*("is-soċjetà appellata")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Joanna Azzopardi** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"] mis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Diċembru, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

[minn issa ’l quddiem “l-ewwel Qorti”], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tal-appellanta fil-konfront tas-soċjetà **Mapfre MSV Life p.l.c.** [minn issa ’l quddiem “is-soċjetà appellata”], billi filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-imsemmija soċjetà appellata, ċaħdet it-talbiet tal-appellanta.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw pretensjoni tal-appellanta għall-ħlas ta’ *performance bonus* dovut għas-sena kalendarja 2017. L-appellanta kienet impjegata mas-soċjetà appellata sa minn Settembru tas-sena 1999, fejn baqgħet taħdem sakemm tat ir-riżenja tagħha fit-8 ta’ Jannar, 2018. Mad-dħul fl-impjieg tagħha fit-13 ta’ Settembru, 1999, l-appellanta kienet iffirmat kuntratt ta’ impjieg għal żmien indefinit[1], fejn ġew pattwiti l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha, filwaqt li l-*performance bonus* inkwistjoni kien regolat permezz ta’ *Performance Management Policy* [minn issa ’l quddiem *“Policy”]*[2] maħruġa mis-soċjetà appellata.

**Mertu**

3. L-appellanta istitwiet dawn il-proċeduri permezz tal-preżentata ta’ rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn ħarrket lis-soċjetà appellata sabiex tgħid għaliex m’għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex:

[1] Ara Dok. MSV1 *a fol.* 10 *tergo.*
[2] Ara Dok. MSV2 *a fol.* 23.

*"... prevja kull dikjarazzjoni neċessarja li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun tagħti, tħallas lill-attriċi l-*performance bonus *għas-sena kalendarja 2017, jekk hemm bżonn anke wara illi jsir, il-*performance review *tagħha.*

*Għal finijiet ta' kompetenza, il-*performance bonus *dovut lill-mittenti ma għandux jaqbeż l-ammont ta' ħamest elef euro disgħa mija u sitta u erbgħin ċenteżmu (€5,946)."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet billi eċċepiet li tenut kont ta' dak li kienet tipprovdi l-*performance management policy* tas-soċjetà appellata, u anki b'applikazzjoni tal-prinċipju *pacta sunt servanda,* l-appellanta ma kellha l-ebda jedd tressaq il-pretensjoni tagħha għall-ħlas.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat;*

*Illi f'din il-kawża l-attriċi titlob mingħand is-soċjetà konvenuta ħlas tal-*performance bonus *skont kif prospettat fil-*Performance Management Policy *tal-istess kumpannija [hawn iktar 'l isfel imsejjaħ il-Policy], liema* Policy *ġie introdott u beda jiġi implimentat fl-14 ta' Ottubru 2011.*

*Is-soċjetà konvenuta tiċħad li l-attriċi għandha jedd għall-ħlas ta' dan il-*performance bonus *u dan għaliex il-*Policy, *taħt l-intestatura "*Eligibility*" jistipola illi hekk kif impjegat jissottometti r-riżenja tiegħu mill-impjieg mal-kumpannija, huwa ma jibqax intitolat għal xi* bonus *li jkun għadu mhux imħallas.*

*Minn eżami tal-atti u tal-provi akkwiżiti, jirriżultaw is-segwenti fatti li dwarhom m'hemmx kontestazzjoni:-*

- *Il-*performance bonus *jitħallas ġeneralment fl-ewwel kwart ta' kull sena u jinħadem abbażi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjegat fis-sena kalendarja ta' qabel, skont sett ta' oġġettivi, ossia miri stabbiliti minn qabel bi ftehim bejn l-impjegat u l-kumpannija;*

- *Il-miri li kellha tilħaq l-attriċi matul is-sena 2017 għall-fini tal-kalkolu tal-*variable remuneration *tagħha, kienu ġew stabbiliti fl-istess sena 2017 (Dok. JA5);*
- *Il-proċess tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjegat għall-fini tal-ħlas tal-*bonus*, isir permezz ta' awto-evalwazzjoni mill-impjegat innifsu abbażi tal-miri stabbiliti minn qabel għas-sena relattiva, u sussegwentement permezz ta' evalwazzjoni li ssir waqt laqgħa bejn l-impjegat u l-kumpannija;*
- *Għall-finijiet tal-kalkolu tal-*performance bonus*, is-sena kalendarja tigi komputata mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru;*
- *L-attriċi ħadmet is-sena 2017 kollha u sottomettiet l-*appraisal *taghha nnifisha f'Novembru 2017;*
- *L-attriċi rriżenjat mill-impjieg tagħha fit-8 ta' Jannar 2018, u billi hija ħadmet in-*notice *perijodu kollu ta' tliet xhur skont il-liġi, l-aħħar ġurnata tax-xogħol li hija ħadmet kienet it-28 ta' Marzu 2018;*
- *Fis-17 ta' Jannar 2018 il-kumpannija bagħtet avviż permezz tal-posta elettronika (fn. 13 Dok. JA6, fol. 50 u 51) lill-impjegati kollha tagħha, inkluż lill-attriċi, dwar l-ewwel fażi tal-proċess tal-Performance Management ossia l-ħtieġa li tiġi sottomessa min kull impjegat l-awto-evalwazzjoni (*performance appraisal*) tagħhom* on-line *entro terminu stipolat;*
- *Illi l-attriċi sottomettiet* on-line *dokument intestat* Performance Evaluation Malta MSV 2017 for Joanna Azzopardi *entro t-terminu stipulat, fis-7 ta' Frar 2018 (fn. 14 Dok. JA7);*
- *Illi l-kumpannija ma bagħtitx għall-attriċi sabiex tinżamm il-laqgħa maċ-Chief Offier sabiex issir l-evalwazzjoni finali li abbażi tagħha tinħadem il-*performance bonus*;*
- *Illi effettivament, il-fażi finali tal-evalwazzjoni tal-*performance *tal-attriċi, baqgħet ma saritx;*
- *L-impjegati l-oħrajn fid-Dipartiment fejn kienet taħdem l-attriċi u li ma rriżenjawx mill-impieg tagħhom, ilkoll tħallsu l-*performance bonus *dovut għas-sena 2017;*
- *Illi l-impjegati l-oħrajn fid-Dipartiment fejn kienet taħdem l-attriċi li ssottomettew ir-riżenja tagħhom mill-impieg fl-aħħar tas-sena 2017, ukoll ma tħallsux il-*performance bonus *għas-sena 2017.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-attriċi taqbel illi l-impjieg tagħha mas-soċjetà konvenuta kien regolat skont il-kundizzjonijiet stipolati fil-kuntratt tal-impjieg (fn. 15 Dok. MSV1) kif ukoll mill-*Performance Management Policy *esebit bħala Dok. MSV2, u taqbel ukoll li dan il-Policy għandu japplika sabiex jirregola t-talba tagħha għall-ħlas tal-*performance bonus *f'din il-kawża. Effettivament, jirriżulta illi kemm*

*ilha li ġiet introdotta l-*Performance Management Policy *mis-soċjetà konvenuta f'Ottubru 2011, u b'applikazzjoni ta' dan l-istess* Policy*, l-attriċi dejjem irċeviet, ta' kull sena, il-ħlas tal-*performance bonus *hemm ipprospettat, bl-aħħar pagament imħallas lilha fis-sena 2017 għall-prestazzjonijiet tagħha matul is-sena kalendarja preċedenti.*

*B'żieda mal-premess, għalkemm jirriżulta mill-provi illi l-proċedura tat-thaddim tal-*Performance Management System *inbidlet fis-sena 2016 kwantu għall-mod kif jiġi stabbilit l-ammont tal-*variable remuneration *tal-impjegat (fn. 16 Ara xhieda ta' Michael Galea, 27 ta' Frar 2019), u għalkemm huwa inkontestat illi l-*Policy *ma nbidilx testwalment biex jirrifletti din l-emenda fil-proċedura, l-attriċi ma tikkontestax illi l-*performance bonus *li hija rċeviet għas-sena bażi 2016, inħadem b'implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida u lanqas jirriżulta li hija qiegħda tikkontesta t-tħaddim ta' din is-sistema l-ġdiidma tagħha fis-sena 2017, minnha reklamat f'din il-kawża.*

*Kif diġà rajna, l-attriċi ma tikkontestax l-applikabbilità tal-Performance Management Policy Dok. MSV2 sabiex tirregola eliġibbilità taghha li tircievi l-*performance bonus*. Effettivament, jigi osservat illi d-dritt għal dan il-*bonus *li qiegħda tesiġi l-ħlas tiegħu l-attrici f'din il-kawża, huwa stabbilit u konċess unikament b'effett tal-Policy in kwistjoni. L-attriċi iżda, tikkontesta l-mod kif għandha tiġi applikata l-Policy fil-każ partikolari tagħha.*

*Il-kontestazzjoni tas-soċjetà konvenuta tippernja fuq l-applikazzjoni ta' dik il-parti mill-*Performance Management Policy *tal-kumpannija, imfissra taħt l-intestatura "*Eligibility*", fejn jinsab prospettat, essenzjalment, illi hekk kif l-impjegati jissottomettu r-riżenja mill-impjieg tagħhom minn mal-kumpannija, ma jibqgħux intitolati għall-ħlas ta' xi* performance bonus *li jkun għadu dovut jew mhux imħallas (fn. 17 "...outstanding reward bonus.").*

*Għall-Qorti dan ifisser illi ż-żewġ partijiet jaqblu illi għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza, għandha tiġi applikata b'mod ġenerali l-*Performance Management Policy *tas-socjetà konvenuta (Dok. MSV2) għaliex evidentement, din tikkostitwixxi l-fondament essenzjali sija tat-talba tal-attriċi u sija wkoll tal-kontestazzjoni tas-soċjetà konvenuta f'din il-kawża.*

*Effettivament, il-vertenza tirriżolvi ruħha f'kwistjoni ta' applikabbilità u interpretazzjoni ta' dan il-*Policy *fil-każ partikolari tal-attriċi li, għalkemm ħadmet is-sena kalendarja kollha li abbażi tagħha kellu jsir l-*appraisal *tal-prestazzjoni tagħha għall-fini tal-kalkolu u ħlas skont il-*Policy *tal-*performance bonus*, irriħenjat fis-sena ta' wara iżda qabel effettivament ġie komplut il-proċess li jwassal għall-ħlas ta' dan*

*il-*bonus*. Għaldaqstant, dak li għandha tistabbilixxi l-Qorti huwa jekk fiċ-ċirkostanzi, l-*attriċi*, fil-mument li sottomettiet ir-riżenja mill-impjieg tagħha, tilfitx ukoll il-jedd għall-ħlas tal-*performance bonus*, liema* bonus *kien altrimenti jkun dovut lilha.*

*Ma jidhrix li huwa kontestat da parti tas-soċjetà konvenuta illi kieku l-attriċi ma sottomettietx ir-riżenja tagħha qabel effettivament ġie kompletat il-proċess kollu tal-*appraisal *tal-performance tagħha u qabel ikun sar il-ħlas tal-*bonus *relattiv, kienet tkun pjenament intitolata għall-ħlas tal-*performance bonus *skont il-Policy, u lanqas ma huwa kontestat illi kieku riżenjat wara li effettivament tħallset il-*bonus*, ma kien ikun hemm ebda konsegwenza għaliha.*

*In propositu, Norman Mifsud, fix-xhieda tiegħu, ikkonferma illi b'applikazzjoni ta' din il-klawsola tal-*Policy*, impjegat li jkun irriżenja f'waqt meta jkun għadu ma tħallasx il-*performance bonus *tas-sena ta' qabel, jitqies illi jitlef id-dritt għall-ħlas tal-*bonus *kif jissottometti r-riżenja tiegħu, filwaqt illi jekk l-impjegat jirriżenja eżatt wara li jkun ħa l-*bonus *"*jkun ħadu u daqshekk.*"*

*Il-klawsola shiha tistipola hekk:-*

All MAPFRE MSV Life employees working on, part time, full time or reduced hours will participate in the Performance Management System. Should any bonuses be distributed, they will be worked out on their annual gross basic earnings. No bonus will given for the maternity leave period.

Employees commencing employment with MAPFRE MSV Life before 1st July of the year will still be entitled to participate in the performance management process of that same calendar year. Employees commencing employment with with MAPFRE MSV after the 30th June of the year will have their mid-year review and end of year review in the following calendar year. These will still be awarded any percentage reward based in their commencement date of employment for this first time. The moment employees submit their resignation to terminate their work with MAPFRE MSV, they will not be entitled to any outstanding reward bonus.

*Ikkunsidrat;*

*L-attriċi tikkontendi illi l-istipolazzjoni dwar it-telf tal-jedd għall-ħlas tal-*performance bonus *f'każ tar-riżenja tal-impjegat li huwa intitolat għal dan il-*bonus*, ma għandhiex tinqara waħedha jew tingħata tifsira* ad litteram*, iżda għandha tinftiehem fl-ispiritu u l-kuntest tal-klawsola sħiħa, liema klawsola skont l-attriċi, hija intiża sabiex tissottolineja l-eliġibbilità tal-impjegat għall-ħlas tal-*performance bonus *u mhux biex tistultifika l-jedd ta' impjegat li, bħall-attriċi, ikun ħadem in*

buona fede *is-sena sħiħa li għaliha huwa dovut il-*bonus*, iżda jirriżenja qabel effettivament jitħallas il-*bonus *relattiv.*

*L-abbli difensur tal-attriċi waqt it-trattazzjoni, jissottometti illi l-applikazzjoni għall-każ tal-attriċi tal-aħħar sentenza biss tal-klawsola intestata "*Eligibility*", mingħajr ma jittieħed qies tal-kuntest tal-bqija tal-klawsola, toħloq effett spoporzjonat u mhux raġjonevoli għaliex filwaqt illi impjegat li jkun beda fl-impjieg tiegħu mal-kumpannija wara t-30 ta' Ġunju 2017 ikun intitolat jipparteċipa fil-proċess tal-*Performance Management System *u jirċievi l-ħlas* pro rata *tal-*bonus *għal dik is-sena, l-attriċi li ħadmet iċ-ċiklu sħiħ tas-sena kalendarja 2017 u kwindi hija eliġibbli għall-*bonus *dovut skont l-oġġettivi milħuqin f'dik is-sena, iżda riżenjat fis-sena ta' wara, ma tibqax eliġibbli għall-ħlas ta' dak il-*bonus*. Isostni ulterjorment illi l-kuntratti għandhom jiġu interpretati u eżegwiti in* buona fede *sabiex jagħtu effett li huwa raġjonevoli u mhux sproporzjonat. Jikkontendi wkoll illi l-klawsola għandha tinftiehem li tagħmel referenza għas-sena kalendarja partikolari ta' 2017 b'mod illi r-referenza għall-impjegati li jitilfu l-jedd tagħhom għall-ħlas tal-*bonus*, għandha tinftiehem li tirreferi biss għall-impjegati li jirriżenjaw matul dik l-istess sena u mhux impjegati li jirriżenjaw is-sena ta' wara ċioé fl-2018.*

*Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tikkontendi illi l-klawsola hija ċara u konsegwentement, billi ma hemm ebda ambigwità jew dubju fit-tifsira tal-patt konvenzjonali, ma hemmx lok għal interpretazzjoni. Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tas-soċjetà konvenuta sostna illi l-klawsola dwar l-eligibbilità tal-impjegat għall-parteċipazzjoni fil-*Performance Management System*, hija kjarament intiża għall-protezzjoni tal-persuni li jidħlu f'impieg mal-kumpannija u li huma effettivament persuni impjegati, mhux il-protezzjoni ta' persuni li jkunu tterminaw l-impjieg tagħhom. Jissottometti illi għaldaqstant, l-ispirtu tal-protezzjoni tal-impjegat intiż mill-*Policy *ma għandux jingħata tifsira wiesa' oltre dak li jagħti x'jifhem il-kliem ċar, biex jestendi għall-protezzjoni tal-parteċipazzjoni fis-sistema tal-*Performance Management *ta' persuna li tkun irriżenjat mill-impjieg tagħha minn mal-kumpannija.*

*Din il-linja difensonjali tas-soċjetà konvenuta hija mfissra mix-xiehda prodotti mis-soċjetà konvenuta (fn. 18 Norman Mifsud u Michael Galea) li, meta ġew mistoqsija għaliex il-klawsola in kwistjoni, li tittratta l-eliġibbilità għall-ħlas tal-*performance bonus *ta' impjegati li jibdew l-impjieg tagħhom mal-kumpannija fis-sena 2017, ġiet applikata anke fil-konfront tal-attriċi li mhux talli ħadmet is-sena 2017 kollha, talli tat ir-riżenja fis-sena kalendarja ta' wara, ċioé fl-2018, fissru illi l-*Policy *hija fondata fuq l-element ta' lejaltà lejn il-kumpannija u fuq il-ħtieġa illi, biex ikun eliġibbli għall-ħlas tal-*variable remuneration*, l-individwu jrid ikun għadu impjegat mal-*

*kumpannija. Fix-xhieda tieghu, Norman Mifsud spjega illi hija l-policy tal-kumpannija illi f'każ li persuna li tirriżenja qabel ma jitħallas il-*performance bonus*, jew qabel ma jkun sar il-*performance appraisal*, ma tkunx eliġibbli għall-*variable remuneration*, tant illi l-proċess li jwassal għall-kalkolu tal-*variable remuneration *ma sarx fil-każ tal-attriċi, proprju għaliex ma jifdalx ħtieġa li jsir dan il-*performance appraisal.

*Ikkunsidrat;*

*Huwa minnu li għal dak li jikkonċerna l-ħlas ta'* performance bonus*, il-prinċipal, f'dan il-każ is-soċċetà konvenuta, għandu diskrezzjoni. Dan joħroġ ċar mit-tieni paragrafu tal-*Policy *taħt l-intestatura "*Policy Statements*" li jgħid hekk:-*

"The Company <u>may</u> decide to award a monetary bonus based on the rating attained on the PMS" *[enfasi tal-Qorti]*

*kif ukoll minn diversi stipolazzjonijiet oħrajn, fosthom:-*

"<u>When bonuses are given out</u>, they will usually be between 1% and 10% of the employee's gross basic salary." (fn. 19 *Klawsola 4, taħt l-intestatura* "Procedure") *[enfasi tal-Qorti]*

*Madanakollu, għalkemm hemm element ta' diskrezzjoni da parti tal-prinċipal fil-każ tal-ħlas tal-*performance bonus*, ladarba l-ħlas tal-*bonus *kien stipulat f'dokument li ġie aċċettat mill-attriċi, il-Qorti tqis li hemm ukoll rabta kuntrattwali, u l-ħlas tal-*bonus *ma jistax għalhekk jitħalla fid-diskrezzjoni assoluta jew arbitrarja tas-soċjetà konvenuta. Fil-fatt, ġie ritenut illi l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni fil-ħlas tal-*performance bonus *huwa pjenament sindikabbli mill-Qorti:-*

"Li ma kienx hekk, l-obbligazzjoni kuntrattwali tkun biss waħda potestattiva u ma tiswiex, kif jgħid l-art. 1056(1) tal-Kodiċi Ċivili, u interpretazzjoni li tifhem il-patt b'mod li jħalli l-ħlas għal kollox għar-rieda tal-konvenuta tkun interpretazzjoni li tmur kontra dak li jrid l-art. 1004 tal-Kodiċi Ċivili għax tkun tfisser illi l-partijiet ftiehmu fuq patt li ma jiswiex." *(fn. 20* ***Francis Camilleri vs Airmalta plc*** *– deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' Diċembru 2005)*

*Fir-rigward, l-Artikolu 1056(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipola illi l-obbligazzjoni ma tiswiex meta tkun ġiet ikkuntrattata taħt kondizzjoni li tagħmilha tiddependi biss mir-rieda ta' dak illi jobbliga ruħhu.*

*Iżda dan m'huwiex il-każ li għandha quddiemha l-Qorti. F'dan il-każ is-soċjetà konvenuta stipolat il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità tal-impjegati tagħha għall-*performance bonus *u tat-telf ta' din l-eliġibbilità, permezz ta'* Policy *bil-miktub, liema* Policy *kontenenti dawn il-kundizzjonijiet ġiet aċċettata mill-attrici tagħha*

*bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-impieg tagħha. Dan m'huwiex kontestat. Il-Qorti għalhekk tifhem illi jekk ikunu seħħew il-kondizzjonijiet li taħthom kellu jsir il-ħlas, hemm obbligazzjoni fuq is-soċjetà konvenuta illi tħallas il-*bonus*, liema obbligazzjoni tispiċċa f'każ li javveraw il-kundizzjonijiet oħrajn stipolati.*

*Fis-sentenza* ***Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan pro et noe****, ġie ritenut illi:-*

"il-kumpens dovut, sew għall-mandat jew għas-serviġi, jippresupponi espletament ta' xogħol, u jiġi mħallas fl-ewwel ipotesi, jekk hemm konvenzjoni, skont il-konvenzjoni, u jekk ma hemmx konvenzjoni skont il-kwantità u l-kwalità tax-xogħol" ("**Carmelo Pace -vs- Josephine Tabone Valletta**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 4 ta' Marzu, 1953)." *(fn. 21 Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 8 ta' Jannar 2010.)*

*Ma jirriżultax lanqas illi f'dan il-każ id-diskrezzjoni tas-soċjetà konvenuta li ma tħallasx il-*bonus *lill-attriċi, ġiet eserċitata arbitrarjament, u dan proprju għaliex il-konsegwenzi ta' riżenja mill-impjieg ta' ħaddiem li, għad li jkun eligibbli ghall-*performance bonus*, jirriżenja qabel ikun tħallas dan il-*bonus *kienu stipolati espressament fil-patt konvenzjonali konsistenti fil-*Performance Management Policy. *Dak li għamlet is-soċjetà konvenuta, rinfaċċjata bir-riżenja tal-attriċi, huwa li applikat din il-parti mill-*Policy *tagħha.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi minn dan kollu m'hemmx dubju li l-azzjoni odjerna hija waħda* ex *contractu bbażata fuq klawsola li tinsab fil-parti intestata "*Eligibility*" fil-*Performance Management Policy *tas-soċjetà konvenuta.*

*Huwa evidenti wkoll illi l-attriċi kif ukoll is-soċjetà konvenuta qegħdin jinvokaw il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*, filwaqt illi s-soċjetà konvenuta jidher li qiegħda tinvoka wkoll il-liġi u l-prinċipji legali relatati mal-obbligazzjonijiet li huma konnessi ma' xi kondizzjoni. Ghaldaqstant, ikun utili illi jigu mistħarrġa l-prinċipji legali in materja.*

*Il-prinċipju ta'* pacta sunt servanda *huwa kunċett universali li jitqies mhux biss bħala karatterisika kardinali tal-liġi kontrattwali, iżda wkoll bħala prinċipju fondamentali li jirregola l-ordni legali internazzjonali tant illi jinsab assodat fis-sistemi legali kollha u ġie kodifikat ukoll fil-liġi internazzjonali fl-Artikolu 26 tal-*Vienna Convention on the Law of Treaties *(fn. 22 Artikolu 26: "Pacta Sunt Servanda":* Every treaty in force is binding upon the parties to it and must be performed by them in good faith).

*Fis-sistema ġuridika Maltija, dan il-kunċett huwa inkorporat fl-Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:*

*(1)* Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom. *(fn. 23 Ratifikat 23 ta' Mejju 1969)*

*(2)* Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.

*Il-prinċipji regolanti in materja, li ġew konsistentement enunċjati u ribaditi mill-Qrati tagħna, huma s-segwenti, kif imfissrin u elenkati elokwentement mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri'*** *(fn. 24 deċiża nhar id-29 ta' Marzu 2012):-*

"i) "F'materja kontrattwali l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodiċi Ċivili '**Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et noe'** (A.K. deċiż 16 ta' Lulju 1973)

ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar m'hemmx lok għall-interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p27) fejn ingħad li "l-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali".

iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. … Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun, jista' biss jiġi nterpretat b'mod univoku għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien ("**J. Bartolo et vs A. Petroni'** deciza 7 ta' Ottubru 1997").

iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni, mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot ('**J. Zammit vs Michael Zammit Tabone et noe'** – Appell Superjuri deċiż 28 ta' Frar 1997)."

Illi dan jikkonferma dak li ngħad fis-sentenza '**Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et'** (P.A. (RCP) - 28 ta' Ġunju 2006) fis-sens "li bl-aktar mod espliċitu ġie ritenut li "l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa

fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – '**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri *Staines'*).***"*

Illi hekk ukoll fis-sentenza '**Gemma Fenech vs John Bugeja'** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) ingħad li:

"Tajjeb li jiġi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa paċifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-diċitura tal-kuntratt hija waħda ċara allura ma huwiex leċitu għall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindaħal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16". *[enfasi ta' din il-Qorti]*

*Ikkunsidrat;*

*Hawnhekk ikun opportun ukoll illi ssir referenza għall-prinċipju tal-*buona fede*, invokat mid-difensur tal-attriċi waqt it-trattazzjoni, li huwa kunċett li jsib il-fondament tiegħu fil-prinċipji ta' ġustizzja, rġgjonevolezza u onestà u bħall-prinċipju ta'* pacta sunt servanda*, jikkostitwixxi wkoll prinċipju kardinali tal-liġi kontrattwali. Dan għaliex il-kunċett tal-*buona fede *jeħtieġ illi t-termini kontrattwali li jkunu ġew pattwiti bejn il-partijiet, jiġu rispettati u onorati. Dan il-kunċett huwa inkorporat fl-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li jistipola hekk:-*

**993.** Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

*Il-Qorti tifhem ukoll li fil-kunċett tal-bona fidi jidħol ukoll ċertu element ta' ekwità. Iżda, għalkemm id-difensur tal-attriċi invoka dan il-kunċett tal-ekwità bħala konsiderazzjoni fl-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-patt kontrattwali bejn il-partijiet kontraenti, il-Qorti ma tqisx illi dan il-prinċipju jifforma parti mis-sistema legali tagħna tant li jista' jservi sabiex inaqqax sostanzjalment fuq l-importanza tal-prinċipju bażilari tal-*pacta sunt servanda*. Huwa minnu illi konsiderazzjonijiet dwar ekwità jistgħu jassumu ċertu relevanza fil-kuntest tal-ligi kontrattwali f'każ li jiġi riskonstrat da parti ta' waħda mill-partijiet kontraenti, komportament sproporzjonat li jmur kontra n-normi stabbiliti tas-soċjetà u tal-loġika ġuridika, iżda dan il-prinċipju s'issa jidher li sab favur, għad limitat, biss fil-kuntest ta' klawsoli bil-penali, għaliex il-konsiderazzjoni suprema hija illi ġaladarba l-partijiet kontraenti jkunu kkontrattaw liberament it-termini tal-kuntratt, dawk it-termini u kundizzjonijiet għandhom jiġu rispettati. Il-korollarju ta' dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa li dawn it-termini u kundizzjonijiet pattwiti mhux faċilment jistgħu jiġu meqjusa li huma inġusti jew irraġjonevoli.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi stabbilit dan kollu, il-Qorti sejra tgħaddi biex, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta'* pacta sunt servanda *u fl-isfond tal-insenjament ġuridiku in materja, kif fuq ċitat, teżamina d-diċitura tal-patt konvenzjonali, f'dan il-każ il-*Performance Management Policy *li jifforma parti mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-attriċi, u tara jekk din hijiex ċara jew jekk hemmx lok għal interpretazzjoni.*

*Mill-provi jirriżulta illi din il-*Policy *fondata fuq il-filosofija li "*communication and development are necessary to enhanced continuous performance*" (fn. 25 Dok. MSV2). Effettivament, minn qari tal-*Policy *fl-intier tagħha, huwa ċar illi l-mira prinċipali tagħha hi li l-kumpannija turi l-apprezzament tagħha lejn l-impjegati tagħha billi tagħtihom "*a variable remuneration*" ossia dritt għall-ħlas ta'* performance bonus *f'każ li jilħqu il-*performance objectives *pattwiti bejnhom u bejn il-kumpannija minn sena għal sena, sabiex b'hekk il-ħaddiema jibqgħu lejali lejn il-kumpannija u jkollhom ħeġġa sabiex jaħdmu aktar u jagħtu aktar riżultati pożittivi lill-prinċipal tagħhom.*

*Madanakollu, huwa daqstant ċar mill-klawsola li tittratta proprju l-eliġibbilità tal-impjegati għall-ħlas ta' dan il-*performance bonus *f'każ li jintlaħqu dawn l-oġġettivi, illi l-*bonus *ma jibqax dovut jekk l-impjegat jirriżenja qabel effettivament isir il-ħlas tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx illi jistgħu jsibu riskontru f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1004 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk:-*

Meta klawsola tista' tfisser ħaġa u oħra, għandha tiftiehem li tfisser dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm ebda effett.

*Dan għaliex huwa ċar minn qari oġġettiv tal-aħħar klawsola fis-sezzjoni intestata "*Eligibility*" invokata mis-soċjetà konvenuta (*fn. 26 The moment employees submit their resignation to terminate their work with MAPFRE MSV, they will not be entitled to any outstanding reward bonus.*) illi ma hemm ebda ekwivoku kwalsiasi kif sottomess min-naħa attriċi, lanqas meta din il-klawsola titqiegħed fl-isfond ta' u tinqara flimkien mad-dispożizzjonijiet immedjatament preċedenti. Dan qed jingħad għaliex jirriżulta manifest illi r-referenza li hemm iktar qabel fl-istess paragrafu għall-kelma "*sena*", evidentement saret biex tfisser id-differenza fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni għall-fini tal-kalkolu tal-*variable remuneration *bejn impjegati li jidħlu fl-impieg tagħhom f'perijodi differenti* <u>*wara*</u> *l-bidu ta' sena kalendarja partikolari, u mhux sabiex tfisser illi impjegat li ma jirriżenjax f'dik is-sena partikolari iżda fis-sena ta' wara, jibqa' eliġibbli biex jippartecipa fil-proċess tal-evalwazzjoni għall-ħlas tal-*bonus.

*Huwa evidenti wkoll illi l-aħħar sentenza tal-*Policy *taħt l-intestatura "*Eligibility*", filwaqt li hija l-unika klawsola fil-*Policy *intiera li tittratta l-kwistjoni tat-telf tal-eliġibilità tal-impjegat għall-*performance bonus*, ma hija marbuta ma ebda sena partikolari u ma' ebda klassi ta' impjegat. Ir-riżenja tal-impjegat u l-konsegwenzi tagħha, effettivament, m'humiex kwalifikati skont jekk iseħħux f'xi żmien jew sena partikolari jew oħra. Jikkonsegwi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, illi fin-nuqqas ta' ebda kwalifika oħra, din il-klawsola tapplika biex ittellef il-jedd għall-ħlas tal-*performance bonus *lil kull impjegat, mingħajr riżerva, li jissottometti r-riżenja tiegħu qabel il-ħlas tal-*performance bonus*, u dan mingħajr distinzjoni bejn is-sena li fiha sseħħ dik ir-riżenja, ċioé jekk hux fis-sena li għaliha tkun dovuta l-*performance bonus*, jew fis-sena ta' wara. L-effett, li huwa t-telf tal-jedd għall-*performance bonus*, japplika ugwalment f'kull każ.*

*Il-Qorti tosserva illi kieku t-teżi tal-attriċi kellha mis-sewwa, u kien jeħtieġ interpretazzjoni tal-klawsola in kwistjoni billi din titqies li tapplika biss għal dawk l-impjegati li jirriżenjaw matul is-sena li għaliha jkun dovut il-*performance bonus*, il-Qorti tistenna li din il-kwalifika tinftiehem ċarament minn qari sempliċi tal-klawsola. Iżda billi din il-kwalifika ma tissemma mkien f'dik is-sentenza, il-Qorti, b'applikazzjoni tal-insenjament paċifiku in materja, ma tarax kif għandha hija stess tassenjalha interpretazzjoni differenti minn dak li huwa diġà evidenti.*

*Ikkunsidrat;*

*In propositu għall-prinċipju ta' ekwità fuq ikkunsidrat, fil-każ odjern il-Qorti ma tqisx illi dan il-prinċipju jista' jimpinġi fuq il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda *biex tiġi sindikata l-applikazzjoni tas-soċjetà konvenuta tal-patt konvenzjonali li espressament itellef il-jedd għall-hlas tal-*bonus *lil min jirriżenja qabel ikun effettivament ingħata dan il-*bonus*. Għalkemm huwa minnu li l-attriċi ħadmet is-sena kollha u setgħet laħqet uħud jekk mhux il-miri kollha stabbiliti għal dik is-sena, dan ma jfissirx illi t-telf tal-jedd għall-*performance bonus *li seħħ bir-riżenja tagħha, għandu jitqies bħala effett ta' komportament spoporzjonat fil-każ tagħha, u lanqas ifisser illi l-kumpannija fl-applikazzjoni ta' din il-*policy *ma kinitx qed tagixxi* in buona fede *semplicement ghaliex - u anke jekk - l-effetti ta' din il-*policy *għall-attriċi jistgħu jidhru li huma xi ftit ħorox.*

*Il-Qorti fehmet illi l-attriċi mhux talli rriżenjat b'mod volontarju, talli kienet pjenament konxja tal-konsegwenza tar-riżenja taghha, anke għaliex l-effetti tal-klawsola in kwistjoni f'każ ta' riżenja tal-impjegat, huma ċari u kwindi kienu ben prevedibbli għall-istess attriċi: l-attriċi ma setgħetx ħlief tkun konsapevoli illi bis-saħħa ta' din ir-riżenja tagħha, avverat ruħha l-kondizzjoni li ġabet magħha t-telf*

*tal-eliġibbilità tagħha għall-ħlas tal-*bonus*. Il-Qorti ma tara xejn li huwa ġuridikament illoġiku fl-applikazzjoni ta' dan il-*Policy *fil-każ tal-attriċi anke għaliex wara kollox, din il-*policy *ġiet introdotta mill-kumpannija għall-benefiċċju reċiproku tagħha u tal-impjegat iżda bi ħtiġijiet ta' lejaltà lejn l-istess kumpannija, liema lejaltà evidentement tiġi mxejna f'każ ta' riżenja volontarja mill-impieg.*

*B'żieda mal-premess, jiġi osservat illi ma ġiet prodotta l-ebda evidenza ta' nuqqas ta'* buona fede *da parti tas-soċjetà konvenuta fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt li wara kollox, kif stabbilit, huwa kjarament prevedibbli fl-effetti tiegħu, u huwa proprju dan l-element ta' previdibbilità u ċertezza dwar l-aspettattivi leġittimi tal-partijiet kontraenti li jikkostitwixxi, fil-fehma tal-Qorti, l-aħjar xhieda tal-eżistenza tal-*buona *fede fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi ġaladarba ma ġiex ippruvat, u f'kull każ ma jirriżultax, illi l-patt konvenzjonali in kwistjoni li ġie debitament aċċettat mill-attriċi, imur kontra l-liġi jew kontra l-ordni pubbliku, għandu jitqies li huwa wieħed validu u enforzabbli u dan a tenur tal-Artikolu 985 tal-Kodiċi Ċivili. Dan ifisser illi m'huwiex apert lill-Qorti li tinterferixxi fil-konvenzjoni u tissostitwixxi l-volontà tal-partijiet bl-applikazzjoni ta' prinċipji ta' ekwità a skapitu tal-prinċipju ta'* pacta sunt servanda*, anke għaliex b'hekk tkun qiegħda ddgħajjef is-sistema ġuridika fondata b'mod kardinali fuq il-kunċett tal-libertà kontrattwali tal-partijiet.*

*Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Francis Paris et vs Maltacom plc*** *(fn. 27 Deciza 7 ta' Ottubru 2004):-*

*"Dan hu konformi mal-prinċipju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu preżunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-interessi tagħhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor, ancorche' bażat fuq l-ekwità. Il-prinċipju tar-rispett għall-volontà tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet għandu "forza ta' liġi" għalihom (artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili), u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftehmu l-partijiet il-volontà tagħha." (fn. 28)*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Il-Qorti hawnhekk tfakkar illi l-*performance bonus *hija rimunerazzjoni li m'hijiex fissa u li tmur lil hinn minn paga ordinarja ta' impjegat* (fn. 29 L-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jipprovdi li:- *"paga tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lill-impjegat u tinkludi kull* bonus *li jitħallas skont l-artikolu 23* ***minbarra kull*** **bonus** ***jew*** **allowance** ***relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol***

***jew mal-produzzjoni".*** *Dan għall-Qorti jfisser illi* performance bonus *huwa ħlas li m'huwiex la l-paga u lanqas is-salarju.), għaliex huwa ħlas li jingħata lill-impjegat ġaladarba jilħaq xi miri jew oġġettivi partikolari stabbiliti bil-quddiem mill-prinċipal bħala apprezzament tax-xogħol li jkun għamel l-impjegat, u mhux xi ħlas li l-impjegat huwa awtomatikament intitolat għalih. Il-korollarju ta' dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa illi l-intenzjoni tal-kumpannija dwar l-applikabbilità tal-*Policy*, ċioé l-element ta' lejaltà kontinwata tal-impjegat lejn il-kumpannija, għandha tingħata konsiderazzjoni suprema għaliex wara kollox, huwa proprju l-prinċipal li jkun ikkonċeda fid-diskrezzjoni tiegħu id-dritt lill-impjegat li jitħallas ukoll a* variable remuneration *b'żieda mas-salarju ordinarju tiegħu. Jiġi osservat illi dan il-ħsieb fundamentali ta' lejaltà, apparti li jirriżulta mit-testimonjanza tax-xiehda mressqa mis-soċjetà konvenuta, huwa rifless proprju fis-sezzjoni fil-*Policy *dwar "*Eligibility*", fejn il-kumpannija wriet id-dispożizzjoni li tippremja anke lil dawk l-impjegati li jidħlu fl-impjeg tagħhom <u>wara</u> l-bidu tas-sena kalendarja relattiva biex jibqgħu jipprestaw l-isforzi kontinwi tagħhom biex jilħqu wkoll il-miri tas-sena sussegwenti. Dan il-ħsieb huwa rifless ukoll f'dak li ngħad fl-ittri li kienu fis-snin precedenti, jintbagħtu lill-attriċi kull sena bil-ħlas tal-*performance bonus*:-*

"… and <u>trust that your continued efforts will be a valid contribution</u> to the Company's successful achievements of our corporate objectives for 2017." *(fn. 30 Fol. 45 sa 48)*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi ġaladarba s-soċjetà konvenuta qieset illi bħala parti mill-*Policy *tagħha dwar eliġibilità għall-*performance bonus*, impjegat li jirriżenja qabel jiġi evalwat u mħallas dan il-*bonus*, jirriżenja meta jirriżenja, ma jibqalux dritt li jitħallas dan il-*bonus *għaliex ma jkunx baqa' lejali lejn il-kumpannija, din id-diskrezzjoni, li ġiet espressa u mfissra fil-*Policy *relattiva u aċċettata mill-impjegat bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu u m'hijiex kontra l-liġi jew l-ordni pubbliku, għandha tiġi implimentata fil-konfront tal-attriċi. Ovvjament is-sitwazzjoni tkun differenti f'każ li ma kienx hemm din il-klawsola.*

*L-attriċi targumenta wkoll illi ġaladarba hija ġiet mitluba mill-kumpannija tgħaddi għall-proċess ta' awto-evalwazzjoni tal-*performance *tagħha u sabiex tattendi għal* training session *fir-rigward, wara li kienet issottomettiet diġà r-rizenja tagħha, dan għandu jfisser illi l-kumpannija kienet qed tqisha bħala eliġibbli għall-*performance bonus *u konsegwentement hija ma kinitx eskluża minn parteċipazzjoni fil-process tal-*performance management.

*Fil-fehma tal-Qorti iżda, dan l-argument ma fihx siwi għaliex huwa evidenti illi l-korrispondenza elettronika (Dok. JA6) li biha l-attriċi ġiet mitluba tibgħat l-awto-evalwazzjoni tagħha* on-line, *kienet intbagħtet b'mod ġenerali lil dawk l-impjegati*

*<u>kollha</u> tal-kumpannija li kienu diġà sottomettew is-*self appraisal *tagħhom f'Novembru 2017. Il-fatt illi l-attriċi rċeviet l-imsemmi avviż mingħand il-kumpannija f'Jannar 2018 wara r-riżenja tagħha, ma jistax jitqies illi l-attriċi reġgħet akkwistat xi jedd għall-parteċipazzjoni fil-proċess tal-ħlas tal-*performance bonus*, ġaladarba skont il-Policy hija tilfet dan il-jedd meta avverat ruħha l-kundizzjoni prospettata fl-aħħar klawsola tas-sezzjoni tal-*Policy *intestata "*Eligibility*", hekk kif (fn. 31* "**The moment** employees submit their resignation ...") *l-attriċi sottomettiet ir-riżenja tagħha fit-8 ta' Jannar 2018.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Alison Casha vs Melita plc** (fn. 32 234/10, deċiża 4 ta' Lulju, 2012), li tittratta każ konsimili bħal dak odjern, din il-Qorti diversament preseduta riteniet illi:-*

"Illi imbagħad ferm assodat bħala prinċipju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar ("**Joseph Gatt vs Joseph Galea**", Appell Ċivili, 14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistgħu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax, jew jirriżulta eskluż, mill-istess kuntratt."

*Jiġi osservat illi għalkemm f'din il-kawża appena ċitata l-attriċi kienet intitolata għall-ħlas tal-*performance bonus *għal dawk is-snin ta' ħidma fejn laħqet l-oġġettivi stabbiliti, skont kif kien stipolat fil-kuntratt ta' impjeg tagħha, l-istipolazzjoni kontrattwali f'dak il-każ dwar l-eliġibbilità għall-ħlas tal-*bonus*, ma kienet soġġetta għal ebda kondizzjoni marbuta mal-kontinwità tal-impjeg jew riżenja tal-impjegat.*

*Fuq kollox, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fil-każ odjern il-*bonus *in kwistjoni mhux talli ma kienx għadu tħallas, talli fil-mument meta l-attriċi għażlet illi tisottometti r-riżenja mill-impjieg tagħha, il-prestazzjonijiet tagħha għall-fini tal-komputazzjoni tal-*variable remuneration*, kienu għadhom ma ġewx evalwati mill-kumpannija. In linea mal-*Policy *in kwistjoni, jirriżulta li l-kumpannija kienet intitolata li ma tipproċedix li tagħmel dan l-*appraisal *kif ukoll li ma tħallasx lill-attriċi, il-*bonus *relattiv proprju għaliex ma kien hemm ebda skop ieħor li tinċentiva lil din l-impjegata biex tibqa' lejali lejn il-kumpannija u li tissokta fl-isforzi tagħha biex tilħaq il-miri tas-sena 2018, ġaladarba kienet diġà ddeċidiet li ma tibqax taħdem mal-kumpannija."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-27 ta' Diċembru, 2019, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata u tilqa' t-talba tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmija soċjetà appellata. L-appellanta tressaq dawn iż-żewġ aggravji: (i) l-ewwel Qorti interpretat u applikat ħażin parti mill-ftehim bejn il-partijiet; (ii) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament u applikazzjoni żbaljata ta' provvediment mill-*policy* tagħha.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-23 ta' Jannar, 2020, fejn filwaqt li tispjega r-raġunijiet tagħha, tissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta u raġunata, u għalhekk timmerita li tiġi konfermata minn din il-Qorti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra flimkien l-aggravji mressqa mill-appellanta stante li huma pjuttost relatati u għalhekk il-konsiderazzjonijiet tagħha ser ikunu utli fir-rigward taż-żewġ aggravji.

9. L-appellanta, hekk kif tispjega l-ewwel aggravju tagħha, tagħraf li kif qalet l-ewwel Qorti l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* huwa wieħed universali u għandu jiġi applikat flimkien mal-artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili. B'dana li hija tikkontendi li l-prinċipju għandu jiġi applikat għall-kuntratt sħiħ u ma kienx legalment ġust li sentenza mill-*Policy* tiġi applikata jekk mhux fil-kuntest tal-

paragrafu relattiv tagħha. Imma l-ewwel Qorti għamlet proprju l-kuntrarju billi applikat is-sentenza erronejament għas-sena 2018, iżda b'mod li kien *out of context.* Hawn l-appellanta tgħaddi sabiex tipproduċi l-klawsola intestata *"Eligibility"* u telenka l-punti minn dik il-klawsola li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra. L-appellanta ssostni li l-pożizzjoni tagħha hija leġittimament korretta anki fil-kuntest tal-prinċipju *pacta sunt servanda.* Madankollu kellhom jiġu applikati l-prinċipji ġenerali u universali fil-kuntest ta' kuntratt ta' impjieg li huwa mibni fuq il-ħlas ukoll ta' *bonus* li huwa intiż għas-servizz/ħidma li jkun ippresta l-impjegat u kif miftiehem fil-każ odjern permezz tal-*Performance Management Policy.* Tirrileva li l-ewwel Qorti skartat dan il-punt aħħari, u anki kemm il-fatt li l-PMS *cycle* jibda kull l-ewwel ta' Jannar ta' kull sena kalendarja permezz ta' laqgħa bejn l-impjegat u l-*manager*, kif ukoll li anki minn jidħol fl-impjieg fil-kors ta' dik is-sena jieħu l-*performance bonus pro rata.* L-appellanta tisħaq li kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, kull kuntratt għandu jinqara in *buona fede* u l-klawsola inkwistjoni kienet tfittex il-lealtà tal-ħaddiema tagħha u l-*continued perforamnce* billi l-oġġettivi miftiehma fil-bidu tas-sena kalendarja jintlaħqu u l-ħaddiema jiġu ppremjati. It-tieni aggravju tal-appellanta fir-rigward tas-sentenza appellata huwa li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament u applikazzjoni żbaljata tal-imsemmija parti mill-klawsola tal-*policy.* Tispjega li l-ewwel Qorti hawn tkellmet dwar "evalwazzjoni u ħlas", meta fil-fatt it-test Ingliż ma kienx jgħid dan u forsi aktar adatta kienet tkun il-kelma "pendenti". Saħansitra l-paragrafu 4 ta' dik il-*policy* kien jipprovdi li *"the performance appraisal process is totally independent from the monetary bonus".*

10. Is-soċjetà appellata twieġeb fl-ewwel lok, li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba b'mod leġġer l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti. Issostni li fil-każ odjern, is-sentenza appellata hija korretta kemm legalment u kif ukoll mil-lat tal-interpretazzjoni tal-fatti tal-każ. Dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, tgħid li ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tagħha u tgħid li l-ewwel Qorti eżaminat il-kuntratt bir-reqqa, u anki l-provi prodotti, u għalhekk il-konklużjonijiet tagħha kienu tajbin u ġusti. Tirrileva li l-kriterji għall-eliġibilità għall-*performance bonus* kif jinsabu fil-*policy,* kienu ċari sew u l-kriterji li tinsisti fuqhom l-appellanta ma kinux jinkwadraw ruħhom hawnhekk u għalhekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni li taċċetta l-interpretazzjoni tagħha. Barra minn hekk l-appellanta ma ressqet l-ebda punt legali b'saħħtu sabiex ma jiġix applikat il-prinċipju *pacta sunt servanda* kif applikat mill-ewwel Qorti. Fir-rigward tat-tieni aggravju ppreżentat mill-appellanta, is-soċjetà appellata tissottometti li għall-kuntrarju l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni tajba tal-*performance policy.*

11. Din il-Qorti filwaqt li tagħraf li llum huwa ben paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-appell li huma m'għandhomx jiddisturbaw leġġerment l-apprezzament tal-provi magħmul minn qorti jew tribunal tal-ewwel istanza, tgħid li dan jiswa dejjem sakemm ma tirriżultax raġuni gravi u impellenti li jitolbu l-indħil sabiex jiġi evitat kull preġudizzju liż-żewġ partijiet. Fil-każ odjern, il-Qorti hija tal-fehma li, kif sewwa għarfet l-ewwel Qorti, il-vertenza tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari ta' *policy* applikata mis-soċjetà appellata sabiex tirregola dak li tiddeskrivi bħala l-*Performance*

*Management System* jew PMS. Għalhekk tirrileva li ftit li xejn jista' jiswa dan l-argument tas-soċjetà appellata fid-dawl ta' din il-kontestazzjoni.

12. Issa, il-Qorti mill-ewwel tgħid li s-sentenza appellata hija waħda tajba u ferm raġonata. L-ewwel Qorti għarfet li l-kontenzjoni tal-appellanta kienet proprju dwar l-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu tal-PMS, tas-sezzjoni intestata *"Eligibility",* fejn l-imsemmija appellanta tinsisti li din m'għandhiex tinqara waħedha jew tingħata tifsira *ad litteram,* iżda għandha tiġi interpretata skont l-ispirtu u l-kuntest tal-klawsola sħiħa. Din il-Qorti bħall-ewwel Qorti tagħraf bħala punt tat-tluq tal-konsiderazzjoni tagħha, li l-ħlas ta' *performance bonus* isir skont id-diskrezzjoni tas-soċjetà appellata. Din id-diskrezzjoni tirriżulta mit-tieni paragrafu tal-kap intestat *Policy Statements* fil-*Policy* u anki mid-diċitatura tal-istess *Policy.* Iżda sewwa għarfet ukoll l-ewwel Qorti li ġaladarba s-soċjetà appellata ntrabtet sa ċertu punt li tħallas *performance bonus,* il-ħlas tiegħu ma jistax jitħalla fid-diskrezzjoni assoluta jew arbitrarja tagħha. Qalet li ġie ritenut illi l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni huwa sindikabbli mill-Qorti u hawnhekk hija għamlet riferiment għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 1056(1) tal-Kap. 16, filwaqt li għarfet li dan ma kienx il-każ li hija kellha quddiemha. Permezz tal-*Policy* is-soċjetà appellata kienet elenkat il-kondizzjonijiet sabiex impjegat ikun eliġibbli għall-*performance bonus* u anki fejn dan jintilef. Din l-istess *Policy,* kompliet tosserva l-ewwel Qorti, kienet ġiet aċċettata mill-appellanta bħala parti mill-kondizzjonijiet tal-impjieg tagħha u dwar dan ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. Għalhekk l-ewwel Qorti kkunsidrat li fl-eventwalità li jseħħu l-kondizzjonijiet għall-ħlas, is-soċjetà appellata kienet marbuta li tħallas il-*bonus*,

iżda din l-obbligazzjoni tagħha kienet tispiċċa hekk kif javveraw kondizzjonijiet oħrajn tal-istess *Policy.* Għalhekk meta l-appellanta ppreżentat ir-riżenja tagħha, is-soċjetà appellata min-naħa tagħha applikat dik il-parti tal-*Policy* rilevanti.

13. Hawnhekk l-ewwel Qorti għaddiet sabiex iddikjarat li l-azzjoni odjerna hija waħda *ex contractu,* fejn il-partijiet kienu qegħdin jinvokaw il-prinċipju *pacta sunt servanda.* Osservat ukoll li l-appellanta kienet għamlet riferiment waqt il-proċeduri quddiemha għall-prinċipju tal-*buona fede*. Filwaqt li l-ewwel Qorti ċitat l-artikolu 993 tal-Kap. 16, aċċettat li dan ukoll huwa prinċipju kardinali tal-liġi kuntrattwali fejn saħansitra jidħol ċertu element ta' ekwità, iżda kkunsidrat li dan l-element ma kienx jagħmel parti mis-sistema legali tagħna b'mod li allura kien iwassal sabiex inaqqas mill-importanza tal-prinċipju *pacta sunt servanda.*

14. Bl-applikazzjoni tal-prinċipju *pacta sunt servanda*, l-ewwel Qorti kkonsidrat li kien tassew ċar u inekwivoku mill-klawsola inkwistjoni tal-*Policy* li l-*bonus* ma jibqax dovut jekk l-impjegat jirriżenja qabel il-ħlas tiegħu, u dan mingħajr ma jiġi kkunsidrat jekk ir-riżenja ssirx fis-sena meta huwa dovut il-*bonus* jew fis-sena ta' wara. L-ewwel Qorti tajjeb ukoll osservat li meta l-appellanta irriżenjat mix-xogħol tagħha, hija kienet konxja ferm tal-konsegwenzi għaliex dawn kienu ċari mill-*Policy,* u wara kollox ma tressqet l-ebda prova tan-nuqqas ta' *buona fede* min-naħa tas-soċjetà appellata.

15. Din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet tajbin u eżawrjenti magħmulin mill-ewwel Qorti. Il-każ li għandha quddiemha huwa

pjuttost sempliċi, l-interpretazzjoni tat-termini tal-*Policy,* liema termini l-appellanta qiegħda tippretendi għandhom jiġu interpretati b'mod favorevoli għaliha. Iżda ġaladarba dik il-*Policy* hija ċara fid-diċitura tagħha, l-artikolu 1002 tal-Kap. 16 jgħid li m'hemmx lok għal interpretazzjoni. Għandu jingħad ukoll li mill-kumplament tal-*Policy* ma jirriżultax b'mod inekwivoku li l-partijiet riedu jfissru mod ieħor, u għalhekk lanqas ma jista' jiġi aċċettat l-argument tal-appellanta li għandu jiġi applikat l-artikolu 1003 tal-Kodiċi Ċivili u b'hekk titwarrab it-tifsira litterali tal-*Policy.*

16. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkondividi pjenament id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, filwaqt li tgħid li ma ssibx l-aggravji tal-appellanta ġustifikati u tiċħadhom.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-appell odjern jitħallsu mill-appellanta wkoll.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**